2025/145

30.1.2025

# DIRETTIVA TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/145

## tad-29 ta' Jannar 2025

## li temenda d-Direttiva 2014/98/UE fir-rigward tal-pesti regolati tal-Unjoni mhux ta' kwarantina, il-virus tar-ringspot tat-tabakk, il-virus tar-ringspot tat-tadam, il-*Pucciniastrum minimum* (Schweinitz) Arthur u l-Aġent tal-mużajk tat-tin u li tikkoreġi dik id-Direttiva ta' Implimentazzjoni fir-rigward ta' miżuri li jikkonċernaw il-*Candidatus Phytoplasma prunorum* Seemüller & Schneider

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2008/90/KE tad-29 ta' Settembru 2008 dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal tal-propagazzjoni tal-pjanti tal-frott u tal-pjanti tal-frott maħsuba għall-produzzjoni tal-frott ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4, l-Artikolu 6(4), u l-Artikolu 13(3) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 ([2]) jistabbilixxi lista ta' pesti ta' kwarantina fl-Unjoni, ta' pesti ta' kwarantina fiż-żoni protetti u ta' pesti rregolati mhux ta' kwarantina fl-Unjoni. Jistabbilixxi wkoll ir-rekwiżiti għall-introduzzjoni fl-Unjoni u għall-moviment fiha, ta' ċerti pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra sabiex jipprevjeni d-dħul, l-istabbiliment u t-tixrid ta' dawk il-pesti fit-territorju tal-Unjoni.

(2) Id-Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/98/UE ([3]) tistabbilixxi rekwiżiti speċifiċi għall-ġeneru u l-ispeċi ta' ċerti pjanti tal-frott, rekwiżiti speċifiċi li għandhom jiġu ssodisfati mill-fornituri u regoli dettaljati dwar l-ispezzjonijiet uffiċjali.

(3) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/98/UE tiġi emendata biex jiġi aġġornat l-istatus fitosanitarju ta' ċerti pesti u biex jiġu emendati l-miżuri speċifiċi kontra dawk il-pesti. Tabilħaqq, il-pesti rregolati mhux ta' kwarantina fl-Unjoni huma elenkati flimkien mal-pjanti għat-tħawwil rilevanti fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072, u l-miżuri korrispondenti biex tiġi evitata l-preżenza ta' dawk il-pesti rregolati mhux ta' kwarantina fuq dawk il-pjanti għat-tħawwil huma previsti fl-Anness V ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni. Madankollu, għall-pesti rregolati mhux ta' kwarantina fl-Unjoni li jikkonċernaw il-materjal tal-propagazzjoni tal-frott u l-pjanti tal-frott maħsuba għall-produzzjoni tal-frott, dawn il-miżuri huma previsti biss fid-Direttiva ta' Implimentazzjoni 2014/98/UE.

(4) Il-virus tar-ringspot tat-tabakk tneħħa mil-lista tal-pesti tal-kwarantina fl-Unjoni tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 u ġie elenkat bħala pest rregolat mhux ta' kwarantina fil-Parti J tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament, fir-rigward tal-materjal tal-propagazzjoni tal-pjanti tal-frott u tal-pjanti tal-frott maħsuba għall-produzzjoni tal-frott, tal-*Vaccinium L.*, għajr it-trab tad-dakra u ż-żrieragħ. Għalhekk jeħtieġ li l-virus tar-ringspot tat-Tabakk jiġi elenkat fl-Anness II tad-Direttiva ta' Implimentazzjoni 2014/98/UE, fir-rigward ta' dik l-ispeċi, sabiex jiġu applikati r-rekwiżiti rispettivi tal-Artikolu 9(2) u (4), tal-Artikolu 10(1), tal-Artikolu 16(1), tal-Artikolu 21(1) u tal-Artikolu 26(1) ta' dik id-Direttiva u jiġi żgurat il-livell xieraq ta' protezzjoni fitosanitarja.

([1]) ĠU L 267, 8.10.2008, p. 8; ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2008/90/oj.
([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 tat-28 ta' Novembru 2019 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2008 u jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 (ĠU L 319, 10.12.2019, p. 1; ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/2072/oj).
([3]) Id-Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/98/UE tal-15 ta' Ottubru 2014 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2008/90/KE fir-rigward ta' rekwiżiti speċifiċi għall-ġeneru u l-ispeċi tal-pjanti tal-frott imsemmija fl-Anness I tagħha, rekwiżiti speċifiċi li għandhom jiġu ssodisfati mill-fornituri u regoli dettaljati dwar l-ispezzjonijiet uffiċjali, ĠU L 298, 16.10.2014, p. 22; ELI: http://data.europa.eu/eli/dir_impl/2014/98/oj).

(5) Il-virus tar-ringspot tat-tadam tneħħa mil-lista ta' pesti ta' kwarantina fl-Unjoni fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 u ġie elenkat bħala pest rregolat mhux ta' kwarantina fil-Parti J tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, fir-rigward tal-materjal tal-propagazzjoni tal-pjanti tal-frott u tal-pjanti tal-frott maħsuba għall-produzzjoni tal-frott, tal-*Malus Mill.*, tal-*Prunus L.* u tal-*Vaccinium L.*, għajr it-trab tad-dakra u ż-żrieragħ, u tar-*Rubus L.* għajr it-trab tad-dakra. Għalhekk, għal raġunijiet ta' konsistenza, jeħtieġ li l-virus tar-ringspot tat-tadam jiġi elenkat fl-Anness II tad-Direttiva ta' Implimentazzjoni 2014/98/UE, fir-rigward ta' dawk il-ġeneri, u sabiex jiġu applikati r-rekwiżiti rispettivi tal-Artikolu 9(4), l-Artikolu 16(1), l-Artikolu 10(1), l-Artikolu 21(1) u l-Artikolu 26(1) ta' dik id-Direttiva u jiġi żgurat il-livell xieraq ta' protezzjoni fitosanitarja.

(6) Il-virus tar-ringspot tat-tabakk u l-virus tar-ringspot tat-tadam għandhom ikunu soġġetti wkoll għall-miżuri tal-Anness IV tad-Direttiva ta' Implimentazzjoni 2014/98/UE, sabiex jiġi żgurat li l-pjanti rispettivi huma ħielsa minn dawk il-pesti għall-kategoriji rispettivi.

(7) Fil-punt 11 tal-Anness IV tad-Direttiva ta' Implimentazzjoni 2014/98/UE, miżura kontra l-*Pseudomonas syringae* pv. *Persicae* (Prunier, Luisetti &. Gardan) Young, Dye & Wilkie u *Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.* ġiet, bi żball, inkluża fit-taqsima "(f) Kategorija CAC", taħt il-miżuri li jikkonċernaw il-*Candidatus Phytoplasma prunorum* Seemüller & Schneider. Id-Direttiva ta' Implimentazzjoni 2014/98/UE għandha għalhekk tiġi rrettifikata, billi din il-miżura titħassar minn dawk li jikkonċernaw il-*Candidatus Phytoplasma prunorum* Seemüller & Schneider.

(8) Il-*Pucciniastrum minimum* (Schweinitz) Arthur ġie elenkat bħala pest rregolati mhux ta' kwarantina fil-Parti J tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 fir-rigward tal-materjal tal-propagazzjoni tal-pjanti tal-frott u tal-pjanti tal-frott maħsuba għall-produzzjoni tal-frott, tal-*Vaccinium* L., għajr it-trab tad-dakra u ż-żrieragħ. Għalhekk, għal raġunijiet ta' konsistenza, jeħtieġ li dak il-virus jiġi elenkat fl-Anness I tad-Direttiva ta' Implimentazzjoni 2014/98/UE, fir-rigward ta' dik l-ispeċi, u sabiex jiġu applikati r-rekwiżiti rispettivi tal-Artikolu 9(1), l-Artikolu 16(1), l-Artikolu 10(1), l-Artikolu 21(1) u l-Artikolu 26(1) ta' dik id-Direttiva u jiġi żgurat il-livell xieraq ta' protezzjoni fitosanitarja.

(9) L-aġent tal-mużajk tat-tin tħassar mill-Parti J tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 minħabba li ma għadux jissodisfa l-kundizzjonijiet biex jiġi elenkat bħala pest rregolat mhux ta' kwarantina. Għalhekk huwa meħtieġ li dak il-pest jitħassar mill-Anness I tad-Direttiva ta' Implimentazzjoni 2014/98/UE.

(10) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/98/UE tiġi emendata skont dan.

(11) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Emenda għad-Direttiva ta' Implimentazzjoni 2014/98/UE**

L-Anness tad-Direttiva ta' Implimentazzjoni 2014/98/UE qed jiġi emendat skont l-Anness ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju 2025. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Jannar 2025.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

**Emenda tad-Direttiva ta’ Implimentazzjoni 2014/98/UE**

(1) Fl-Anness I, it-tabella hija emendata kif ġej:

(a) fit-tieni kolonna “RNQPs” (“Union regulated non-quarantine pest”, pest regolat mhux ta’ kwarantina), għall-ispeċi “*Ficus carica* L.”, l-entrati “Virusijiet, virojdi, mard li jixbah il-virusijiet u fitoplażmi” u “Aġent tal-mużajk tat-tin [FGM000]” huma mħassra;

(b) fit-tieni kolonna “RNQP” taħt il-kategorija “Fungi u oomiċeti”, għall-ġeneru “*Vaccinium* L.”, l-entrata “*Pucciniastrum minimum* Sydow u P. Sydow [THEKMI]” tiżdied;

(2) Fl-Anness II, it-tabella hija sostitwita b’din li ġejja:

| “Ġeneru jew speċi | RNQPs |
|---|---|
| ***Castanea sativa* Mill.** | **Fungi u oomiċeti**<br>*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock u Man fi ‘t Veld [PHYTRA] |
| ***Citrus* L., *Fortunella* Swingle u *Poncirus* Raf.** | **Batterji**<br>*Spiroplasma citri* Saglio *et al.* [SPIRCI]<br>**Fungi u oomiċeti**<br>*Plenodomus tracheiphilus* (Petri) Gruyter, Aveskamp u Verkley [DEUTTR]<br>**“Virusijiet, virojdi, mard li jixbah il-virusijiet u fitoplażmi**<br>Aġent tal-*Citrus cristacortis* [CSCC00]<br>Virojde tal-*eksokortite taċ-ċitru* [CEVD00]<br>Aġent tal-*impietratura taċ-ċitru* [CSI000]<br>Virus tat-tbajja’ kbar tal-weraq *taċ-ċitru* [CLBV00]<br>Virus tal-*psorożi taċ-ċitru* [CPSV00]<br>Virus tat-*tristeża taċ-ċitru* (iżolati tal-UE) [CTV000]<br>Virus tal-varjegazzjoni *taċ-ċitru* [CVV000]<br>Virojde tax-xekkil tal-ħops [HSVD00] |
| ***Corylus avellana* L.** | **“Virusijiet, virojdi, mard li jixbah il-virusijiet u fitoplażmi**<br>Virus tal-mużajk tat-tuffieħ [APMV00] |
| ***Cydonia oblonga* Mill.** | **“Virusijiet, virojdi, mard li jixbah il-virusijiet u fitoplażmi**<br>Virus tat-tbajja’ klorotiċi tat-tuffieħ [ACLSV0]<br>Aġent tal-injam artab tat-tuffieħ [ARW000]<br>Virus tal-iskanalar taz-zokk tat-tuffieħ [ASGV00]<br>Virus tal-fosos taz-zkuk tat-tuffieħ [ASPV00]<br>Aġent tan-nekrożi tal-qxur tas-siġar tal-lanġas [PRBN00]<br>Aġent tal-qsim tal-qxur tas-siġar tal-lanġas [PRBS00]<br>Virojde tal-kankru tal-infatet tal-lanġas [PBCVD0]<br>Aġent tal-qoxra ħarxa tas-siġar tal-lanġas [PRRB00]<br>Aġent tat-tbajja’ sofor tal-isfarġel [ARW000] |

| “Ġeneru jew speċi | RNQPs |
|---|---|
| ***Fragaria* L.** | **Batterji** |
| | *Xanthomonas fragariae* Kennedy u King [XANTFR] |
| | **Fungi u oomiċeti** |
| | *Colletotrichum acutatum* Simmonds [COLLAC] |
| | *Phytophthora cactorum* (Lebert u Cohn) J.Schröter [PHYTCC] |
| | *Phytophthora fragariae* C.J. Hickman [PHYTFR] |
| | **Nematodi** |
| | *Aphelenchoides besseyi* Christie [APLOBE] |
| | *Aphelenchoides blastophthorus* Franklin [APLOBL] |
| | *Aphelenchoides fragariae* (Ritzema Bos) Christie [APLOFR] |
| | *Aphelenchoides ritzemabosi* (Schwartz) Steiner u Buhrer [APLORI] |
| | **“Virusijiet, virojdi, mard li jixbah il-virusijiet u fitoplażmi** |
| | Virus tal-mużajk tal-*Arabis* [ARMV00] |
| | Virus tar-ringspot tal-lampun [RPRSV0] |
| | Virus tal-kemxa tal-frawli [SCRV00] |
| | Virus tar-ringspot latenti tal-frawli [SLRSV0] |
| | Virus tal-ġenb isfar tal-moffa tal-frawli [SMYEV0] |
| | Virus tat-tbajja’ tal-frawli [SMOV00] |
| | Virus tal-vini tal-frawli [SVBV00] |
| | Virus taċ-ċirku iswed tat-tadam [TBRV00] |
| ***Juglans regia* L.** | **“Virusijiet, virojdi, mard li jixbah il-virusijiet u fitoplażmi** |
| | Virus tad-dawra tal-werqa taċ-ċirasa [CLRV00] |
| ***Malus* Mill.** | **“Virusijiet, virojdi, mard li jixbah il-virusijiet u fitoplażmi** |
| | Virus tat-tbajja’ klorotiċi tat-tuffieħ [ACLSV0] |
| | Virojde tad-dimple tal-frott [ADFVD0] |
| | Aġent tal-flat limb tat-tuffieħ [AFL000] |
| | Virus tal-mużajk tat-tuffieħ [APMV00] |
| | Aġent tal-injam artab tat-tuffieħ [ARW000] |
| | Aġent tal-qoxra migrufa tat-tuffieħ [ASSVD0] |
| | Aġent tal-istilla mxaqqa tat-tuffieħ [APHW00] |
| | Virus tal-iskanalar taz-zokk tat-tuffieħ [ASGV00] |
| | Virus tal-fosos taz-zkuk tat-tuffieħ [ASPV00] |
| | *Candidatus* Phytoplasma *mali* Seemüller u Schneider [PHYPMA] |
| | Mard tal-frott: frott [APCF00], kemxa ħadra [APGC00], frotta mqabbża ta’ Ben Davis, qoxra ħarxa [APRSK0], xaqq fl-istilla, ċirku samrani [APLP00], nuffata samranija |
| | Virus tar-ringspot tat-tadam [TORSV0] |

| “Ġeneru jew speċi | RNQPs |
|---|---|
| ***Olea europaea* L.** | **Fungi u oomiċeti**<br>*Verticillium dahliae* Kleb [VERTDA]<br>**“Virusijiet, virojdi, mard li jixbah il-virusijiet u fitoplażmi**<br>Virus tal-mużajk tal-*Arabis* [ARMV00]<br>Virus tad-dawra tal-werqa taċ-ċirasa [CLRV00]<br>Virus tar-ringspot latenti tal-frawli [SLRSV0] |
| ***Prunus dulcis* (Miller) Webb** | **Batterji**<br>*Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.* [XANTPR]<br>**“Virusijiet, virojdi, mard li jixbah il-virusijiet u fitoplażmi**<br>Virus tat-tbajja’ klorotiċi tat-tuffieħ [ACLSV0]<br>Virus tal-mużajk tat-tuffieħ [APMV00]<br>*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller u Schneider [PHYPPR]<br>Virus tal-ġidri tal-għanbaqar [PPV000]<br>Virus tal-pruna nana [PDV000]<br>Virus tar-ringspot nekrotiku tal-*prunus* [PNRSV0]<br>Virus tar-ringspot tat-tadam [TORSV0] |
| ***Prunus armeniaca* L.** | **Batterji**<br>*Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.* [XANTPR]<br>**“Virusijiet, virojdi, mard li jixbah il-virusijiet u fitoplażmi**<br>Virus tat-tbajja’ klorotiċi tat-tuffieħ [ACLSV0]<br>Virus tal-mużajk tat-tuffieħ [APMV00]<br>Virus latenti tal-berquq [ALV000]<br>*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller u Schneider [PHYPPR]<br>Virus tal-ġidri tal-għanbaqar [PPV000]<br>Virus tal-pruna nana [PDV000]<br>Virus tar-ringspot nekrotiku tal-*prunus* [PNRSV0]<br>Virus tar-ringspot tat-tadam [TORSV0] |
| ***Prunus avium* L. u *Prunus cerasus* L.** | **Batterji**<br>*Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.* [XANTPR]<br>**“Virusijiet, virojdi, mard li jixbah il-virusijiet u fitoplażmi**<br>Virus tat-tbajja’ klorotiċi tat-tuffieħ [ACLSV0]<br>Virus tal-mużajk tat-tuffieħ [APMV00]<br>Virus tal-mużajk tal-*Arabis* [ARMV00]<br>*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller u Schneider [PHYPPR]<br>Virus tat-tbajja’ ħodor tondi taċ-ċirasa [CGRMV0]<br>Virus tad-dawra tal-werqa taċ-ċirasa [CLRV00] |

| “Ġeneru jew speċi | RNQPs |
|---|---|
| | Virus tal-werqa bit-tbajja’ taċ-ċirasa [CMLV00]<br>Virus tat-tbajja’ nekrotiċi lewn is-sadid taċ-ċirasa [CRNRM0]<br>Virus taċ-ċirasa żgħira 1 u 2 [LCHV10], [LCHV20]<br>Virus tal-ġidri tal-għanbaqar [PPV000]<br>Virus tal-pruna nana [PDV000]<br>Virus tar-ringspot nekrotiku tal-*prunus* [PNRSV0]<br>Virus tar-ringspot tal-lampun [RPRSV0]<br>Virus tar-ringspot latenti tal-frawli [SLRSV0]<br>Virus taċ-ċirku iswed tat-tadam [TBRV00]<br>Virus tar-ringspot tat-tadam [TORSV0] |
| ***Prunus domestica* L., *Prunus salicina* Lindley, u speċi oħra ta’ *Prunus* L. suxxettibbli għall-virus tal-ġidri tal-għanbaqar fil-każ tal-ibridi *Prunus* L.** | **Batterji**<br>*Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.* [XANTPR]<br>**“Virusijiet, virojdi, mard li jixbah il-virusijiet u fitoplażmi**<br>Virus tat-tbajja’ klorotiċi tat-tuffieħ [ACLSV0]<br>Virus tal-mużajk tat-tuffieħ [APMV00]<br>*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller u Schneider [PHYPPR]<br>Virus tar-ringspot latenti tal-Myrobalan [MLRSV0]<br>Virus tal-ġidri tal-għanbaqar [PPV000]<br>Virus tal-pruna nana [PDV000]<br>Virus tar-ringspot nekrotiku tal-*prunus* [PNRSV0]<br>Virus tar-ringspot tat-tadam [TORSV0] |
| ***Prunus persica* (L.) Batsch** | **Batterji**<br>*Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.* [XANTPR]<br>**“Virusijiet, virojdi, mard li jixbah il-virusijiet u fitoplażmi**<br>Virus tat-tbajja’ klorotiċi tat-tuffieħ [ACLSV0]<br>Virus tal-mużajk tat-tuffieħ [APMV00]<br>Virus latenti tal-berquq [ALV000]<br>*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller u Schneider [PHYPPR]<br>Virojde tal-mużajk latenti tal-ħawħ [PLMVD0]<br>Virus tal-ġidri tal-għanbaqar [PPV000]<br>Virus tal-pruna nana [PDV000]<br>Virus tar-ringspot nekrotiku tal-*prunus* [PNRSV0] Virus tar-ringspot latenti tal-frawli [SLRSV0]<br>Virus tar-ringspot tat-tadam [TORSV0] |

| “Ġeneru jew speċi | RNQPs |
|---|---|
| ***Pyrus* L.** | **“Virusijiet, virojdi, mard li jixbah il-virusijiet u fitoplażmi** |
| | Virus tat-tbajja’ klorotiċi tat-tuffieħ [ACLSV0] |
| | Aġent tal-injam artab tat-tuffieħ [ARW000] |
| | Virus tal-iskanalar taz-zokk tat-tuffieħ [ASGV00] |
| | Virus tal-fosos taz-zkuk tat-tuffieħ [ASPV00] |
| | Fitoplażma *Candidatus pyri* Seemüller u Schneider [PHYPPY] |
| | Aġent tan-nekrożi tal-qxur tas-siġar tal-lanġas [PRBN00] |
| | Aġent tal-qsim tal-qxur tas-siġar tal-lanġas [PRBS00] |
| | Virojde tal-kankru tal-infatet tal-lanġas [PBCVD0] |
| | Aġent tal-qoxra ħarxa tas-siġar tal-lanġas [PRRB00] |
| | Aġent tat-tbajja’ sofor tal-isfarġel [ARW000] |
| ***Ribes* L.** | **“Virusijiet, virojdi, mard li jixbah il-virusijiet u fitoplażmi** |
| | Virus tal-mużajk tal-*Arabis* [ARMV00] |
| | Virus tar-reverżjoni tar-ribes iswed [BRAV00] |
| | Virus tal-mużajk tal-ħjar [CMV000] |
| | Virus tal-vini assoċjati tar-ribes bix-xewk [GOVB00] |
| | Virus tar-ringspot tal-lampun [RPRSV0] |
| | Virus tar-ringspot latenti tal-frawli [SLRSV0] |
| ***Rubus* L.** | **Fungi u oomiċeti** |
| | *Phytophthora* spp. de Bary [1PHYTG] |
| | **“Virusijiet, virojdi, mard li jixbah il-virusijiet u fitoplażmi** |
| | Virus tal-mużajk tat-tuffieħ [APMV00] |
| | Virus tal-mużajk tal-*Arabis* [ARMV00] |
| | Virus tan-nekrożi tal-lampun iswed [BRNV00] |
| | *Candidatus* Phytoplasma *rubi* Malembic-Maher *et al.* [PHYPRU] |
| | Virus tal-mużajk tal-ħjar [CMV000] |
| | Virus tal-bushy dwarf tal-lampun [RBDV00] |
| | Virus tal-werqa bit-tbajja’ tal-lampun [RLMV00] |
| | Virus tar-ringspot tal-lampun [RPRSV0] |
| | Virus tal-klorożi tal-vini tal-lampun [RVCV00] |
| | Tikka safra tal-lampun [RYS000] |
| | Virus tax-xibka safra tar-*rubus* [RYNV00] |
| | Virus tar-ringspot latenti tal-frawli [SLRSV0] |
| | Virus taċ-ċirku iswed tat-tadam [TBRV00] |
| | Virus tar-ringspot tat-tadam [TORSV0] |

| “Ġeneru jew speċi | RNQPs |
|---|---|
| ***Vaccinium* L.** | **Fungi u oomiċeti** |
| | *Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock u Man fi ‘t Veld [PHYTRA] |
| | **“Virusijiet, virojdi, mard li jixbah il-virusijiet u fitoplażmi** |
| | Ophiovirus assoċjat mal-mużajk tat-tuta żerqa [BLMAV0] |
| | Virus tar-ringspot aħmar tat-tuta żerqa [BRRV00] |
| | Virus tat-tixwit tat-tuta żerqa [BLSCV0] |
| | Virus tax-xokk tat-tuta żerqa [BLSHV0] |
| | Virus tal-ispag tat-tuta żerqa [BSSV00] |
| | *Candidatus* Phytoplasma *asteris* Lee *et al.* [PHYPAS] |
| | *Candidatus* Phytoplasma *pruni* [PHYPPN] |
| | Fitoplażma *Candidatus solani Quaglino et al.* [PHYPSO] |
| | Fitoplażma falza tal-fjur tal-mirtilli [PHYPFB] |
| | Virus tar-ringspot tat-tabakk [TRSV0] |
| | Virus tar-ringspot tat-tadam [TORSV0]” |

(3) L-Anness IV huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 8 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“8. ***Malus* Mill.**

(a) **Il-kategoriji kollha**

*Spezzjoni viżwali*

L-ispezzjonijiet viżwali għandhom jitwettqu darba fis-sena.

(b) **Kategorija prebażika**

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

Ħmistax-il sena wara li jkunu ġew aċċettati bħala pjanti omm prebażiċi, il-pjanti omm prebażiċi kollha għandhom jiġu kkampjunati u ttestjati, u dan għandu jerġa’ jsir f’intervalli ta’ żmien ta’ 15-il sena fir-rigward tal-preżenza tal-RNQPs, għajr għal mard li jixbah virus u għall-virojdi elenkati fl-Anness II, u f’każ ta’ dubju dwar il-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I.

*Rekwiżiti għas-sit tal-produzzjoni, għall-post ta’ produzzjoni jew għaż-żona*

F’każ li deroga tippermetti li jiġi prodott materjal prebażiku fl-għelieqi, f’kundizzjonijiet li mhumiex protetti mill-insetti, skont id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/925 (*), għandhom japplikaw ir-rekwiżiti li ġejjin fir-rigward tal-*Candidatus Phytoplasma mali* Seemüller u Schneider, l-*Erwinia amylovora* (Burrill) Winslow *et al.*, u l-Virus tar-ringspot tat-tadam:

(i) *Candidatus* Phytoplasma *mali* Seemüller u Schneider:

— il-materjal ta’ propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija prebażika għandhom jiġu prodotti f’żoni magħrufa li huma ħielsa mill-*Candidatus* Phytoplasma *mali* Seemüller u Schneider; jew

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu tal-*Candidatus* Phytoplasma *mali* Seemüller u Schneider fuq il-materjal tal-propagazzjoni u fuq il-pjanti tal-frott tal-kategorija prebażika fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ, u l-pjanti sintomatiċi kollha fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih;

(ii) *Erwinia amylovora* (Burrill) Winslow *et al.*:

— il-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija prebażika għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-*Erwinia amylovora* (Burrill) Winslow *et al.*; jew

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC fis-sit tal-produzzjoni jkunu ġew spezzjonati matul l-aħħar staġun sħiħ ta' tkabbir, u l-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott li juru sintomi ta' *Erwinia amylovora* (Burrill) Winslow *et al.* u l-pjanti ospitanti tal-madwar ikunu nqalgħu u nqerdu minnufih.

(iii) Virus tar-ringspot tat-tadam (ToRSV):

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija prebażika għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mit-ToRSV; jew

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu tat-ToRSV fuq il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC fis-sit tal-produzzjoni tul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ, u l-pjanti sintomatiċi kollha fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih.

(c) **Kategorija bażika**

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

Fil-każ ta' pjanti omm bażiċi li jkunu nżammu f'faċilitajiet protetti mill-insetti, kull 15-il sena għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm bażiċi għall-preżenza tal-*Candidatus Phytoplasma mali* Seemüller u Schneider.

Fil-każ ta' pjanti omm bażiċi li ma jkunux inżammu f'faċilitajiet protetti mill-insetti, kull 3 snin għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm bażiċi għall-preżenza tal-Candidatus Phytoplasma mali Seemüller u Schneider; kull 15-il sena għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm bażiċi, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju tal-infezzjoni ta' dawk il-pjanti, għall-preżenza tal-RNQPs, għajr il-*Candidatus Phytoplasma mali* Seemüller u Schneider u għajr il-Virus tar-ringspot tat-tadam, għall-mard li jixbah virus ugħal l-virojdi, elenkati fl-Anness II, u f'każ li jkun hemm suspett tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I.

Il-pjanti omm bażiċi għandhom jiġu kkampjunati u ttestjati kull 20 sena fir-rigward tal-preżenza tal-Virus tar-ringspot tat-tadam.

*Rekwiżiti għas-sit tal-produzzjoni, għall-post ta' produzzjoni jew għaż-żona*

(i) *Candidatus* Phytoplasma *mali* Seemüller u Schneider

— il-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-*Candidatus* Phytoplasma *mali* Seemüller u Schneider; jew

— ma għandu jiġi osservat l-ebda sintomu tal-*Candidatus* Phytoplasma *mali* Seemüller u Schneider fuq il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ, u l-pjanti sintomatiċi kollha fil-viċinanza immedjata għandhom jinqalgħu u jinqerdu minnufih;

(ii) *Erwinia amylovora* (Burrill) Winslow *et al.*:

— il-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-*Erwinia amylovora* (Burrill) Winslow *et al.*; jew

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika fis-sit tal-produzzjoni għandhom ikunu spezzjonati matul l-aħħar staġun sħiħ ta' tkabbir, u l-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott kollha li juru sintomi ta' *Erwinia amylovora* (Burrill) Winslow *et al.* u l-pjanti ospitanti tal-madwar kollha għandhom jinqalgħu u jinqerdu minnufih.

(iii) Virus tar-ringspot tat-tadam (ToRSV):

— il-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mit-ToRSV; jew

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu tat-ToRSV fuq il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ, u l-pjanti sintomatiċi kollha fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih.

(d) **Kategorija ċċertifikata**

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

Fil-każ ta' pjanti omm iċċertifikati, li jkunu nżammu f'faċilitajiet protetti mill-insetti, kull 15-il sena għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm iċċertifikati għall-preżenza tal-*Candidatus Phytoplasma mali* Seemüller u Schneider.

Fil-każ ta' pjanti omm iċċertifikati li ma jkunux inżammu f'faċilitajiet protetti mill-insetti, porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm iċċertifikati għandu jiġi kkampjunat u ttestjat kull 5 snin għall-preżenza tal- *Candidatus Phytoplasma mali* Seemüller u Schneider; kull 15-il sena għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm iċċertifikati, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju tal-infezzjoni ta' dawk il-pjanti, għall-preżenza tal-RNQPs, għajr il-*Candidatus Phytoplasma mali* Seemüller u Schneider u għajr il-Virus tar-ringspot tat-tadam, għall-mard li jixbah virus ugħal l-virojdi, elenkati fl-Anness II, u f'każ li jkun hemm suspett tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I.

Il-pjanti omm iċċertifikati għandhom jiġu kkampjunati u ttestjati kull 20 sena fir-rigward tal-preżenza tal-Virus tar-ringspot tat-tadam.

Il-pjanti tal-frott iċċertifikati għandhom ikunu kkampjunati u ttestjati jekk ikun hemm suspett tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I u fl-Anness II.

*Rekwiżiti għas-sit tal-produzzjoni, għall-post ta' produzzjoni jew għaż-żona*

(i) *Candidatus* Phytoplasma *mali* Seemüller u Schneider:

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-*Candidatus Phytoplasma mali* Seemüller u Schneider; jew

— ma għandu jiġi osservat l-ebda sintomu tal-*Candidatus* Phytoplasma *mali* Seemüller u Schneider fuq il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ, u l-pjanti sintomatiċi kollha fil-viċinanza immedjata għandhom jinqalgħu u jinqerdu minnufih; jew

— is-sintomi tal-*Candidatus Phytoplasma mali* Seemüller u Schneider għandhom jiġu osservati f'mhux aktar minn 2 % tal-materjal ta' propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun sħiħ ta' tkabbir, u dak il-materjal tal-propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott, u l-pjanti sintomatiċi kollha fil-viċinanza immedjata għandhom jinqalgħu u jinqerdu minnufih, u jkun ġie ttestjat u nstab ħieles mill-*Candidatus Phytoplasma mali* Seemüller u Schneider kampjun rappreżentattiv tal-materjal ta' propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott asintomatiċi li jifdal fil-lottijiet li fihom kienu nstabu l-materjal ta' propagazzjoni sintomatiku u l-pjanti tal-frott sintomatiċi;

(ii) *Erwinia amylovora* (Burrill) Winslow *et al.*:

— il-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-*Erwinia amylovora* (Burrill) Winslow *et al.*; jew

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata fis-sit tal-produzzjoni għandhom jiġu spezzjonati matul l-aħħar staġun sħiħ ta' tkabbir, u l-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott kollha li juru sintomi ta' *Erwinia amylovora* (Burrill) Winslow *et al.* u l-pjanti ospitanti kollha tal-madwar għandhom jinqalgħu u jinqerdu minnufih.

(iii) Virus tar-ringspot tat-tadam (ToRSV):

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mit-ToRSV; jew

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu tat-ToRSV fuq il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ, u l-pjanti sintomatiċi kollha fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih.

(e) **Kategorija CAC (*Conformitas Agraria Communitatis*)**

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

F'każ li jkun hemm suspett tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I u fl-Anness II iridu jittieħdu l-kampjuni u jsiru t-testijiet.

*Rekwiżiti għas-sit tal-produzzjoni, għall-post ta' produzzjoni jew għaż-żona*

(i) *Candidatus* Phytoplasma *mali* Seemüller u Schneider:

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-*Candidatus Phytoplasma mali* Seemüller u Schneider; jew

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu tal-*Candidatus* Phytoplasma *mali* Seemüller u Schneider fuq il-materjal tal-propagazzjoni u fuq il-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ, u l-pjanti sintomatiċi kollha fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih; jew

— is-sintomi ta' *Candidatus Phytoplasma mali* Seemüller u Schneider ikunu ġew osservati f'mhux iktar minn 2 % tal-materjal ta' propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC fis-sit ta' produzzjoni tul l-aħħar staġun sħiħ ta' tkabbir, u l-pjanti sintomatiċi kollha fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih, u jkun ġie ttestjat u nstab ħieles mill-*Candidatus Phytoplasma mali* Seemüller u Schneider kampjun rappreżentattiv tal-materjal ta' propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott asintomatiċi li jifdal fil-lottijiet li fihom kienu nstabu l-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott sintomatiċi;

(ii) *Erwinia amylovora* (Burrill) Winslow *et al.*:

— il-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-*Erwinia amylovora* (Burrill) Winslow *et al.*; jew

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC fis-sit tal-produzzjoni jkunu ġew spezzjonati matul l-aħħar staġun sħiħ ta' tkabbir, u l-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott li juru sintomi ta' *Erwinia amylovora* (Burrill) Winslow *et al.* u l-pjanti ospitanti tal-madwar ikunu nqalgħu u nqerdu minnufih.

(iii) Virus tar-ringspot tat-tadam (ToRSV):

— il-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mit-ToRSV; jew

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu tat-ToRSV fuq il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC fis-sit tal-produzzjoni tul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ, u l-pjanti sintomatiċi kollha fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih; jew

— is-sintomi tat-ToRSV ikunu ġew osservati f'mhux aktar minn 2 % tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ, u dawk il-pjanti sintomatiċi jkunu nqalgħu minnufih u nqerdu,

---

(*) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/925 tad-29 ta' Mejju 2017 li temporanjament tawtorizza lil ċerti Stati Membri jiċċertifikaw materjal prebażiku ta' ċerti speċijiet ta' pjanti tal-frott, prodotti fl-għelieqi f'kundizzjonijiet mingħajr protezzjoni mill-insetti, u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/167 (ĠU L 140, 31.5.2017, p. 7; ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2017/925/oj)."

(b) il-punt 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"11. ***Prunus armeniaca* L., *Prunus avium* L., *Prunus cerasifera* Ehrh., *Prunus cerasus* L., *Prunus domestica* L., *Prunus dulcis* (Miller) Webb, *Prunus persica* (L.) Batsch u *Prunus salicina* Lindley**

(a) **Kategorija prebażika**

*Spezzjoni viżwali*

L-ispezzjonijiet viżwali għandhom jitwettqu darbtejn fis-sena għall-*Candidatus Phytoplasma prunorum* Seemüller u Schneider, Virus tal-ġidri tal-għanbaqar, *Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.* u *Pseudomonas syringae* pv. *persicae* (Prunier, Luisetti u. Gardan) Young, Dye u Wilkie (*Prunus persica* (L.) Batsch u *Prunus salicina* Lindley). L-ispezzjonijiet viżwali għandhom jitwettqu darba fis-sena għall-RNQPs kollha, għajr għall-*Candidatus Phytoplasma prunorum* Seemüller u Schneider, il-Virus tal-ġidri tal-għanbaqar, *Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.* u *Pseudomonas syringae* pv. *persicae* (Prunier, Luisetti u. Gardan) Young, Dye u Wilkie, elenkati fl-Annessi I u II.

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

Il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija prebażika ta' *Prunus armeniaca* L., *Prunus avium* L., *Prunus cerasus* L., *Prunus domestica* L., u *Prunus dulcis* (Miller) Webb, għandhom jiġu mill-pjanti omm li jkunu ġew ittestjati fl-istaġun tat-tkabbir ta' qabel u nstabu ħielsa mill-Virus tal-ġidri tal-għanbaqar.

Is-salvaġġ prebażiku ta' *Prunus cerasifera* Ehrh. u *Prunus domestica* L. għandu jiġi minn pjanti omm li jkunu ġew ittestjati fl-istaġun tat-tkabbir ta' qabel u nstabu ħielsa mill-Virus tal-ġidri tal-għanbaqar. Is-salvaġġ prebażiku ta' *Prunus cerasifera* Ehrh. u *Prunus domestica* L. għandu jiġi mill-pjanti omm, li jkunu ġew ittestjati fil-ħames staġuni preċedenti u li jkunu nstabu ħielsa mill-*Candidatus Phytoplasma prunorum* Seemüller u Schneider.

Kull pjanta omm prebażika li tagħmel il-fjuri għandha tiġi kkampjunata u ttestjata għall-Virus tal-pruna nana u għall-Virus tar-ringspot nekrotiku tal-*prunus* sena wara li tkun ġiet aċċettata bħala pjanta omm prebażika u dan għandu jerġa' jsir kull sena. Fil-każ ta' *Prunus persica*, kull pjanta omm prebażika li tagħmel il-fjuri għandha tiġi kkampjunata sena wara li tkun ġiet aċċettata bħala pjanta omm prebażika u tiġi ttestjata għall-Virojde tal-mużajk latenti tal-ħawħ.

Kull siġra mħawla intenzjonalment għad-dakkir u, fejn ikun xieraq, is-siġar ewlenin li jdakkru fl-ambjent għandhom jiġu kkampjunati u ttestjati għall-Virus tal-pruna nana u għall-Virus tar-ringspot nekrotiku tal-*prunus*.

Il-pjanti omm prebażiċi kollha għandhom jiġu kkampjunati ħames snin wara li jkunu ġew aċċettati bħala pjanti omm prebażiċi, u dan għandu jerġa' jsir kull ħames snin, u jiġu ttestjati għall-*Candidatus Phytoplasma prunorum* Seemüller u Schneider u l-Virus tal-ġidri tal-għanbaqar.

Il-pjanti omm prebażiċi kollha għandhom jiġu kkampjunati 10 snin wara li jkunu ġew aċċettati bħala pjanti omm prebażiċi, u għandhom jiġu ttestjati għall-viruses, għajr il-Virus tal-pruna nana u l-Virus tal-ġidri tal-għanbaqar, il-Virus tar-ringspot nekrotiku tal-*prunus*, li huma rilevanti għall-ispeċijiet elenkati fl-Anness II, u għandhom ukoll jiġu ttestjati f'każ li jkun hemm suspett għall-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I. Għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm prebażiċi f'każ ta' suspett tal-preżenza tal-*Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.*

*Rekwiżiti għas-sit tal-produzzjoni, għall-post ta' produzzjoni jew għaż-żona*

Fil-każ fejn deroga titħalla tipproduċi materjal prebażiku fl-għalqa f'kundizzjonijiet mingħajr protezzjoni mill-insetti, skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/925, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti li ġejjin fir-rigward tal-*Candidatus Phytoplasma prunorum* Seemüller u Schneider, tal-Virus tal-ġidri tal-għanbaqar, tal-*Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.*, tal-*Pseudomonas syringae* pv. *persicae* (Prunier, Luisetti u. Gardan) Young, Dye u Wilkie u l-Virus tar-ringspot tat-tadam:

(i) *Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller u Schneider:

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija prebażika għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-*Candidatus Phytoplasma prunorum* Seemüller u Schneider; jew

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu tal-*Candidatus Phytoplasma prunorum* Seemüller u Schneider fuq il-materjal tal-propagazzjoni u fuq il-pjanti tal-frott tal-kategorija prebażika fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ, u l-pjanti sintomatiċi kollha fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih; jew

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija prebażika fis-sit tal-produzzjoni għandhom ikunu iżolati minn pjanti ospitanti oħra. Id-distanza ta' iżolament fis-sit tal-produzzjoni għandha tiddependi miċ-ċirkostanzi reġjonali, mit-tip ta' materjal tal-propagazzjoni, mill-preżenza tal-*Candidatus Phytoplasma prunorum* Seemüller u Schneider fiż-żona kkonċernata u mir-riskji rilevanti involuti kif stabbilit mill-awtoritajiet kompetenti abbażi ta' spezzjoni;

(ii) Virus tal-ġidri tal-għanbaqar:

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija prebażika għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-Virus tal-ġidri tal-għanbaqar; jew

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu tal-Virus tal-ġidri tal-għanbaqar fuq il-materjal tal-propagazzjoni u fuq il-pjanti tal-frott tal-kategorija prebażika fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ, u l-pjanti sintomatiċi kollha fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih; jew

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija prebażika fis-sit tal-produzzjoni għandhom ikunu iżolati minn pjanti ospitanti oħra. Id-distanza ta' iżolament fis-sit tal-produzzjoni għandha tiddependi miċ-ċirkostanzi reġjonali, mit-tip ta' materjal tal-propagazzjoni, mill-preżenza tal-Virus tal-ġidri tal-għanbaqar fiż-żona kkonċernata u mir-riskji rilevanti involuti kif stabbilit mill-awtoritajiet kompetenti abbażi ta' spezzjoni;

(iii) *Pseudomonas syringae* pv. *persicae* (Prunier, Luisetti u. Gardan) Young, Dye u Wilkie:

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija prebażika għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-*Pseudomonas syringae* pv. *persicae* (Prunier, Luisetti u. Gardan) Young, Dye u Wilkie; jew

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu ta' *Pseudomonas syringae* pv. *persicae* (Prunier, Luisetti u. Gardan) Young, Dye u Wilkie fuq il-materjal tal-propagazzjoni u fuq il-pjanti tal-frott tal-kategorija prebażika fis-sit tal-produzzjoni tul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ, u l-pjanti sintomatiċi kollha fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih;

(iv) Virus tar-ringspot tat-tadam (ToRSV):

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija prebażika għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mit-ToRSV; jew

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu tat-ToRSV fuq il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC fis-sit tal-produzzjoni tul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ, u l-pjanti sintomatiċi kollha fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih;

(v) *Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.*:

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija prebażika għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-*Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.*; jew

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu ta' *Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.* fuq il-materjal tal-propagazzjoni u fuq il-pjanti tal-frott tal-kategorija prebażika fis-sit tal-produzzjoni tul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ, u l-pjanti sintomatiċi kollha fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih.

(b) **Kategorija Bażika, kategorija Ċċertifikata u kategorija CAC**

*Spezzjoni viżwali*

Spezzjoni viżwali għandha ssir darba fis-sena.

(c) **Kategorija bażika**

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

(i) Pjanti omm li nżammu f'faċilitajiet protetti mill-insetti

Kull 3 snin għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv ta' pjanti omm bażiċi għall-preżenza tal-Virus tal-pruna nana, tal-Virus tar-ringspot nekrotiku tal-*prunus* u tal-Virus tal-ġidri tal-għanbaqar. Kull 10 snin għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv ta' pjanti omm bażiċi għall-preżenza tal-*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller u Schneider.

(ii) Pjanti omm li ma jkunux inżammu f'faċilitajiet protetti mill-insetti

Kull sena għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm bażiċi, għajr dawk maħsuba għall-produzzjoni tas-salvaġġ, għall-preżenza tal-Virus tal-ġidri tal-għanbaqar, b'mod li tul 10 snin ikunu ġew ittestjati l-pjanti kollha.

Kull sena għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm bażiċi, għajr dawk maħsuba għall-produzzjoni tas-salvaġġ, għall-preżenza tal-Virus tal-ġidri tal-għanbaqar u għandu jinstab ħieles minn dak l-RNQP.

Mill-pjanti omm bażiċi tal-*Prunus domestica* L. maħsubin għall-produzzjoni tas-salvaġġ għandu jittieħed kampjun li jiġi ttestjat għall-preżenza tal-*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller u Schneider u għandu jinstab ħieles minn dak l-RNQP fil-ħames staġuni ta' tkabbir preċedenti.

F'każ ta' suspett tal-preżenza tal-*Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.*, għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm bażiċi.

Kull 20 sena għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm bażiċi abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju tal-infezzjoni ta' dawk il-pjanti għall-preżenza tal-Virus tar-ringspot tat-tadam.

Kull 10 snin għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm bażiċi abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju tal-infezzjoni ta' dawk il-pjanti għall-preżenza tal-RNQPs, għajr il-*Candidatus* Phytoplasma prunorum Seemüller u Schneider, il-Virus tal-pruna nana, il-Virus tar-ringspot nekrotiku tal-*prunus*, il-Virus tal-ġidri tal-għanbaqar u l-Virus tar-ringspot tat-tadam, elenkati fl-Anness II, u ttestjati f'każ ta' suspett tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I.

— Pjanti omm li jagħmlu l-fjuri

Kull sena għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm bażiċi li jagħmlu l-fjuri gghall-*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller u Schneider, għall-Virus tal-pruna nana u għall-Virus tar-ringspot nekrotiku tal-*prunus* abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju tal-infezzjoni ta' dawk il-pjanti.

Fil-każ ta' *Prunus persica* (L.) Batsch, kull sena għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm bażiċi li jagħmlu l-fjuri għall-Virojde tal-mużajk latenti tal-ħawħ abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju tal-infezzjoni ta' dawk il-pjanti.

Għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv ta' siġar imħawla bi ħsieb tad-dakkir u, fejn xieraq, tas-siġar ewlenin tad-dakkir fl-ambjent, għall-Virus tal-pruna nana u għall-Virus tar-ringspot nekrotiku tal-*prunus*, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju tal-infezzjoni ta' dawk il-pjanti.

— Pjanti omm li ma jagħmlux fjuri

Kull 3 snin għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm bażiċi li ma jagħmlux fjuri li ma jkunux inżammu f'faċilitajiet protetti mill-insetti għall-preżenza tal-Virus tal-pruna nana, tal-Virus tar-ringspot nekrotiku tal-prunus u tal-*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller u Schneider abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju tal-infezzjoni ta' dawk il-pjanti.

(d) **Kategorija ċċertifikata**

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

(i) Pjanti omm li nżammu f'faċilitajiet protetti mill-insetti

Kull 5 snin għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm iċċertifikati għall-preżenza tal-Virus tal-pruna nana u tal-Virus tar-ringspot nekrotiku tal-*prunus* u tal-Virus tal-ġidri tal-għanbaqar b'mod li tul 15-il sena jkunu ġew ittestjati l-pjanti kollha. Kull 15-il sena għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm iċċertifikati għall-preżenza tal-*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller u Schneider.

(ii) Pjanti omm li ma jkunux inżammu f'faċilitajiet protetti mill-insetti

Kull 3 snin għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm iċċertifikati għall-preżenza tal-Virus tal-ġidri tal-għanbaqar b'mod li tul 15-il sena jkunu ġew ittestjati l-pjanti kollha.

Kull sena għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm iċċertifikati maħsuba għall-produzzjoni tas-salvaġġ għall-preżenza tal-Virus tal-ġidri tal-għanbaqar u għandu jinstab ħieles minn dak l-RNQP. Porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm iċċertifikati tal-*Prunus cerasifera* Ehrh. u *Prunus domestica* L. maħsuba għall-produzzjoni tas-salvaġġ ikun ġie kkampjunat fil-ħames staġuni ta' tkabbir preċedenti u ttestjat għall-preżenza tal-*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller u Schneider u nstab ħieles minn dak l-RNQP.

Porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm bażiċi għandu jiġi kkampjunat u ttestjat f'każ ta' suspett tal-preżenza tal- *Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.*

Kull 20 sena għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm iċċertifikati abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju tal-infezzjoni ta' dawk il-pjanti għall-preżenza tal-Virus tar-ringspot tat-tadam.

Kull 15-il sena għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm iċċertifikati abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju tal-infezzjoni ta' dawk il-pjanti għall-preżenza tal-RNQPs, għajr il-*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller u Schneider, il-Virus tal-pruna nana, il-Virus tar-ringspot nekrotiku tal-*prunus*, il-Virus tal-ġidri tal-għanbaqar u l-Virus tar-ringspot tat-tadam, elenkati fl-Anness II, u ttestjati f'każ ta' suspett dwar il-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I.

— Pjanti omm li jagħmlu l-fjuri

Kull sena għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm iċċertifikati li jagħmlu l-fjuri għall-*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller u Schneider, għall-Virus tal-pruna nana u għall-Virus tar-ringspot nekrotiku tal-*prunus* abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju tal-infezzjoni ta' dawk il-pjanti. Fil-każ ta' *Prunus persica* (L.) Batsch, kull sena għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm iċċertifikati li jagħmlu l-fjuri għall-Virojde tal-mużajk latenti tal-ħawħ abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju tal-infezzjoni ta' dawk il-pjanti.

Għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv ta' siġar imħawla bi ħsieb tad-dakkir u, fejn xieraq, tas-siġar ewlenin tad-dakkir fl-ambjent, għall-Virus tal-pruna nana u għall-Virus tar-ringspot nekrotiku tal-*prunus*, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju tal-infezzjoni ta' dawk il-pjanti.

— Pjanti omm li ma jagħmlux fjuri

Kull 3 snin għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv ta' pjanti omm iċċertifikati li ma jagħmlux fjuri, li ma jkunux inżammu f'faċilitajiet protetti mill-insetti, għall-preżenza tal-*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller u Schneider, tal-Virus tal-pruna nana u tal-Virus tar-ringspot nekrotiku tal-*prunus* abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju tal-infezzjoni ta' dawk il-pjanti.

(e) **Kategoriji bażiċi u ċertifikati**

*Rekwiżiti għas-sit tal-produzzjoni, għall-post ta' produzzjoni jew għaż-żona*

(i) *Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller u Schneider:

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategoriji bażiċi u ċċertifikati għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller u Schneider; jew

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu tal-*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller u Schneider fuq il-materjal tal-propagazzjoni u fuq il-pjanti tal-frott tal-kategoriji bażiċi u ċċertifikati fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ, u l-pjanti sintomatiċi kollha fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih; jew

— is-sintomi tal-*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller u Schneider ikunu ġew osservati f'mhux iktar minn 1 % tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata fis-sit tal-produzzjoni tul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ, u dak il-materjal tal-propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott, u l-pjanti sintomatiċi kollha fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih, u jkun ġie ttestjat u nstab ħieles mill-*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller u Schneider kampjun rappreżentattiv tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott asintomatiċi li jifdal fil-lottijiet li fihom kienu nstabu l-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott sintomatiċi;

(ii) Virus tal-ġidri tal-għanbaqar:

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategoriji bażiċi u ċċertifikati għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-Virus tal-ġidri tal-għanbaqar; jew

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu tal-Virus tal-ġidri tal-għanbaqar fuq il-materjal tal-propagazzjoni u fuq il-pjanti tal-frott tal-kategoriji bażiċi u ċċertifikati fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ, u l-pjanti sintomatiċi kollha fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih; jew

— is-sintomi tal-Virus tal-ġidri tal-għanbaqar ikunu ġew osservati f'mhux iktar minn 1 % tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata fis-sit ta' produzzjoni tul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ, u dak il-materjal tal-propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott, u l-pjanti sintomatiċi kollha fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih, u jkun ġie ttestjat u nstab ħieles mill-Virus tal-ġidri tal-għanbaqar kampjun rappreżentattiv tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott asintomatiċi li jifdal fil-lottijiet li fihom kienu nstabu l-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott sintomatiċi;

(iii) *Pseudomonas syringae* pv. *persicae* (Prunier, Luisetti u. Gardan) Young, Dye u Wilkie:

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategoriji bażiċi u ċċertifikati għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-*Pseudomonas syringae* pv. *persicae* pv. persicae (Prunier, Luisetti u. Gardan) Young, Dye u Wilkie; jew

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu ta' *Pseudomonas syringae* pv. *persicae* (Prunier, Luisetti u. Gardan) Young, Dye u Wilkie jiġu osservati fuq il-materjal tal-propagazzjoni u fuq il-pjanti tal-frott tal-kategoriji bażiċi u ċċertifikati fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ, u l-pjanti sintomatiċi kollha fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih; jew

— sintomi ta' *Pseudomonas syringae* pv. *persicae* (Prunier, Luisetti u. Gardan) Young, Dye u Wilkie jkunu ġew osservati f'mhux iktar minn 2 % tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata fis-sit ta' produzzjoni tul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ, u dak il-materjal tal-propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott, u l-pjanti sintomatiċi kollha fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih;

(iv) Virus tar-ringspot tat-tadam (ToRSV):

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategoriji bażiċi u ċċertifikati għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mit-ToRSV; jew

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu tat-ToRSV fuq il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategoriji bażiċi u ċċertifikati fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ, u l-pjanti sintomatiċi kollha fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih;

(v) *Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.*:

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategoriji bażiċi u ċċertifikati għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-*Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.*; jew

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu tal-*Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.* fuq il-materjal tal-propagazzjoni u fuq il-pjanti tal-frott tal-kategoriji bażiċi u ċċertifikati fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ, u l-pjanti sintomatiċi kollha fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih; jew

— ikunu ġew osservati sintomi tal-*Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin et al. f'mhux aktar minn 2 % tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ, u dak il-materjal tal-propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott, u l-pjanti sintomatiċi kollha fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih.

(f) **Kategorija CAC**

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

Il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC għandhom jiġu minn sors ta' materjal identifikat, li minnu jkun ġie kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv fit-tliet staġuni preċedenti tat-tkabbir u li jkun instab ħieles mill-Virus tal-ġidri tal-għanbaqar.

Is-salvaġġ CAC tal-*Prunus cerasifera* Ehrh. u *Prunus domestica* L. għandhom jiġu minn sors ta' materjal identifikat li minnu jkun ġie kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tiegħu matul il-ħames snin ta' qabel għall-*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller u Schneider u għall-Virus tal-ġidri tal-għanbaqar u jkun instab ħieles minnhom.

Porzjon rappreżentattiv tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC għandu jiġi kkampjunat u ttestjat fil-każ ta' suspett tal-preżenza ta' *Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.*

Porzjon rappreżentattiv tal-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC li ma juru l-ebda sintomu tal-Virus tal-ġidri tal-għanbaqar wara spezzjoni viżwali għandu jiġi kkampjunat u ttestjat abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju tal-infezzjoni ta' dawk il-pjanti tal-frott, għall-preżenza ta' dak l-RNQP u fil-każ li jkun hemm pjanti sintomatiċi kollha fil-viċinanza immedjata.

Malli jiġu identifikati l-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC li juru sintomi tal-*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller u Schneider fis-sit tal-produzzjoni permezz ta' spezzjoni viżwali, għandu jiġi kkampjunat u ttestjat għall-preżenza tal-*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller u Schneider porzjon rappreżentattiv tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott asintomatiċi li jifdal tal-kategorija CAC fil-lottijiet li fihom ikunu nstabu l-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott sintomatiċi.

Għandhom jitwettqu kampjunar u ttestjar f'każ ta' suspett għall-preżenza tal-RNQPs, għajr il-*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller u Schneider u l-Virus tal-ġidri tal-għanbaqar, elenkati fl-Annessi I u II.

*Rekwiżiti għas-sit tal-produzzjoni, għall-post ta' produzzjoni jew għaż-żona*

(i) *Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller u Schneider:

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller u Schneider; jew

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu tal-*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller u Schneider fuq il-materjal tal-propagazzjoni u fuq il-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ, u l-pjanti sintomatiċi kollha fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih; jew

— is-sintomi tal-*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* ikunu ġew osservati f'mhux iktar minn 1 % tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC fis-sit ta' produzzjoni tul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ, u dak il-materjal tal-propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott, u l-pjanti sintomatiċi kollha fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih, u jkun ġie ttestjat u nstab ħieles mill-*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller u Schneider kampjun rappreżentattiv tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott asintomatiċi li jifdal fil-lottijiet li fihom kienu instabu l-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott sintomatiċi;

(ii) Virus tal-ġidri tal-għanbaqar:

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-Virus tal-ġidri tal-għanbaqar; jew

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu tal-Virus tal-ġidri tal-għanbaqar fuq il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ, u l-pjanti sintomatiċi kollha fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih; jew

— is-sintomi tal-Virus tal-ġidri tal-għanbaqar ikunu ġew osservati f'mhux iktar minn 1 % tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC fis-sit ta' produzzjoni tul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ, u dak il-materjal tal-propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott, u l-pjanti sintomatiċi kollha fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih, u jkun ġie ttestjat u nstab ħieles mill-Virus tal-ġidri tal-għanbaqar kampjun rappreżentattiv tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott asintomatiċi li jifdal fil-lottijiet li fihom kienu instabu l-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott sintomatiċi;

(iii) *Pseudomonas syringae* pv. *persicae* (Prunier, Luisetti u. Gardan) Young, Dye u Wilkie:

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-*Pseudomonas syringae* pv. *persicae* (Prunier, Luisetti u amp. Gardan) Young, Dye u Wilkie; jew

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu ta' *Pseudomonas syringae* pv. *persicae* (Prunier, Luisetti u. Gardan) Young, Dye u Wilkie jiġu osservati fuq il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ, u l-pjanti sintomatiċi kollha fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih; jew

— sintomi ta' *Pseudomonas syringae* pv. *persicae* (Prunier, Luisetti u. Gardan) Young, Dye u Wilkie jkunu ġew osservati f'mhux iktar minn 2 % tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC fis-sit ta' produzzjoni tul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ, u dak il-materjal tal-propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott, u l-pjanti sintomatiċi kollha fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih;

(iv) Virus tar-ringspot tat-tadam (ToRSV):

— il-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mit-ToRSV; jew

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu tat-ToRSV fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ, u l-pjanti sintomatiċi kollha fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih; jew

— is-sintomi tat-ToRSV ikunu ġew osservati f'mhux aktar minn 2 % tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ, u dawk il-pjanti sintomatiċi jkunu nqalgħu minnufih u nqerdu;

(v) *Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.*:

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-*Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.*; jew

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu ta' *Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.* fuq il-materjal tal-propagazzjoni u fuq il-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC fis-sit tal-produzzjoni tul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ, u l-pjanti sintomatiċi kollha fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih. jew

— ikunu ġew osservati sintomi tal-*Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin et al. f'mhux aktar minn 2 % tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ, u dak il-materjal tal-propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott, u l-pjanti sintomatiċi kollha fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih."

(c) il-punt 14 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"14. ***Rubus* L.**

(a) **Kategorija prebażika**

*Spezzjoni viżwali*

L-ispezzjonijiet viżwali għandhom jitwettqu darbtejn fis-sena.

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

Sentejn wara li jkunu ġew aċċettati bħala pjanti omm prebażiċi, il-pjanti omm prebażiċi kollha għandhom jiġu kkampjunati u ttestjati, u dan għandu jerġa' jsir kull sentejn għall-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness II, u f'każ ta' suspett għall-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I.

*Rekwiżiti għas-sit tal-produzzjoni, għall-post ta' produzzjoni jew għaż-żona*

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija prebażika għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-virusijiet elenkati fl-Anness II għar-*Rubus* L.; jew

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu ta' xi wieħed mill-RNQPs elenkati fl-Anness II għar-*Rubus* L. fuq il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija prebażika fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ, u l-pjanti sintomatiċi kollha fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih;

(b) **Kategorija bażika**

*Spezzjoni viżwali*

F'każ li l-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott jitkabbru fl-għelieqi jew fi qsari, l-ispezzjonijiet viżwali għandhom isiru darbtejn fis-sena.

Għall-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott prodotti permezz tal-mikropropagazzjoni u li jinżammu għal perjodu ta' inqas minn 3 xhur, hija meħtieġa spezzjoni waħda biss waqt dan il-perjodu.

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

Għandhom jitwettqu kampjunar u ttestjar jekk is-sintomi tal-virus tal-mużajk tal-*Arabis*, il-Virus tar-ringspot tal-lampun, il-Virus tar-ringspot latenti tal-frawli u l-Virus taċ-ċirku iswed u l-Virus tar-ringspot tat-tadam ma jkunux ċari waqt spezzjoni viżwali. Għandhom jitwettqu kampjunar u ttestjar f'każ ta' suspett għall-preżenza tal-RNQPs, għajr l-virus tal-mużajk tal-*Arabis*, il-Virus tar-ringspot tal-lampun, il-Virus tar-ringspot latenti tal-frawli, il-Virus taċ-ċirku iswed tat-tadam u l-Virus tar-ringspot tat-tadam, elenkati fl-Annessi I u II.

*Rekwiżiti għas-sit tal-produzzjoni, għall-post ta' produzzjoni jew għaż-żona*

(i) Fil-każ ta' riżultat pożittiv tat-test għall-materjal tal-propagazzjoni u għall-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika li juru sintomi tal-virus tal-mużajk tal-*Arabis*, tal-Virus tar-ringspot tal-lampun, tal-Virus tar-ringspot latenti tal-frawli, tal-Virus taċ-ċirku iswed tat-tadam jew tal-Virus tar-ringspot tat-tadam, il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott ikkonċernati għandhom jinqalgħu u jinqerdu minnufih.

(ii) Rekwiżiti għal RNQPs għajr għall-virus tal-mużajk tal-*Arabis*, għall-Virus tar-ringspot tal-lampun, għall-Virus tar-ringspot latenti tal-frawli, għall-Virus taċ-ċirku iswed tat-tadam u għall-Virus tar-ringspot tat-tadam:

Il-perċentwal tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika fis-sit tal-produzzjoni tul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ li juru sintomi ta' kull wieħed mill-RNQPs li ġejjin ma għandux jaqbeż:

— 0,1 % fil-każ ta':

*Agrobacterium* spp. Conn.; u

*Rhodococcus fascians* Tilford; u li l-materjal tal-propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott, u l-pjanti ospitanti kollha fil-viċinanza jkunu nqalgħu u nqerdu;

(iii) Rekwiżiti għall-virusijiet kollha:

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-virusijiet elenkati fl-Anness II għar-*Rubus* L.; jew

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu tal-virusijiet elenkat fl-Anness II għar-*Rubus* L. fuq il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ, u l-pjanti sintomatiċi kollha fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih; jew

— is-sintomi tal-virusijiet kollha elenkati fl-Annessi I u II ikunu ġew osservati f'mhux aktar minn 0,25 % tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika fis-sit tal-produzzjoni tul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ, u dak il-materjal tal-propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott u l-pjanti sintomatiċi kollha fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih.

(c) **Kategorija ċċertifikata**

*Spezzjoni viżwali*

L-ispezzjonijiet viżwali għandhom jitwettqu darba fis-sena.

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

Għandhom jitwettqu kampjunar u ttestjar jekk is-sintomi tal-virus tal-mużajk tal-*Arabis*, tal-Virus tar-ringspot tal-lampun, tal-Virus tar-ringspot latenti tal-frawli, tal-Virus taċ-ċirku iswed tat-tadam u tal-Virus tar-ringspot tat-tadam ma jkunux ċari waqt spezzjoni viżwali. Għandhom jitwettqu kampjunar u ttestjar f'każ ta' suspett għall-preżenza tal-RNQPs, għajr l-virus tal-mużajk tal-*Arabis*, il-Virus tar-ringspot tal-lampun, il-Virus tar-ringspot latenti tal-frawli, il-Virus taċ-ċirku iswed tat-tadam u l-Virus tar-ringspot tat-tadam, elenkati fl-Annessi I u II.

*Rekwiżiti għas-sit tal-produzzjoni, għall-post ta' produzzjoni jew għaż-żona*

(i) Fil-każ ta' riżultat pożittiv tat-test għall-materjal tal-propagazzjoni u għall-pjanti tal-frott tal-kategorija ċertifikata li juru sintomi tal-virus tal-mużajk tal-*Arabis*, tal-Virus tar-ringspot tal-lampun, tal-Virus tar-ringspot latenti tal-frawli, tal-Virus taċ-ċirku iswed tat-tadam jew tal-Virus tar-ringspot tat-tadam, il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott ikkonċernati għandhom jinqalgħu u jinqerdu minnufih.

(ii) Rekwiżiti għal RNQPs għajr għall-virus tal-mużajk tal-*Arabis*, għall-Virus tar-ringspot tal-lampun, għall-Virus tar-ringspot latenti tal-frawli, għall-Virus taċ-ċirku iswed tat-tadam u għall-Virus tar-ringspot tat-tadam:

Il-perċentwal tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ li juru sintomi ta' kull wieħed mill-RNQPs li ġejjin ma għandux jaqbeż:

— 0,5 % fil-każ ta' *Resseliella theobaldi* Barnes;

— 0,1 % fil-każ ta':

*Agrobacterium spp*. Conn.; u

*Rhodococcus fascians* Tilford; u li l-materjal tal-propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott, u l-pjanti ospitanti kollha fil-viċinanza jkunu nqalgħu u nqerdu;

(iii) Rekwiżiti għall-virusijiet kollha:

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-virusijiet elenkati fl-Anness II għar-*Rubus* L.; jew

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu tal-virusijiet elenkati fl-Anness II għar-Rubus L. fuq il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ, u l-pjanti sintomatiċi kollha fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu minnufih u nqerdu; jew

— is-sintomi tal-virusijiet kollha elenkati fl-Annessi I u II ikunu ġew osservati f'mhux aktar minn 0,5 % tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata fis-sit tal-produzzjoni tul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ, u dak il-materjal tal-propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott u l-pjanti sintomatiċi kollha fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih.

(d) **Kategorija CAC**

*Spezzjoni viżwali*

L-ispezzjonijiet viżwali għandhom jitwettqu darba fis-sena.

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

Għandhom jitwettqu kampjunar u ttestjar jekk is-sintomi tal-virus tal-mużajk tal-*Arabis*, tal-Virus tar-ringspot tal-lampun, tal-Virus tar-ringspot latenti tal-frawli, tal-Virus taċ-ċirku iswed tat-tadam u tal-Virus tar-ringspot tat-tadam ma jkunux ċari waqt spezzjoni viżwali. Għandhom jitwettqu kampjunar u ttestjar f'każ ta' suspett għall-preżenza tal-RNQPs, għajr l-virus tal-mużajk tal-*Arabis*, il-Virus tar-ringspot tal-lampun, il-Virus tar-ringspot latenti tal-frawli, il-Virus taċ-ċirku iswed tat-tadam u l-Virus tar-ringspot tat-tadam, elenkati fl-Annessi I u II.

*Rekwiżiti għas-sit tal-produzzjoni, għall-post ta' produzzjoni jew għaż-żona*

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-RNQPs elenkati fl-Annessi I u II għar-*Rubus* L.; jew

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu tal-RNQPs elenkati fl-Annessi I u II għar-*Rubus* L. fuq il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ; u

— fil-każ ta' is-sintomi tat-ToRSV, dawk is-sintomi jkunu ġew osservati f'mhux aktar minn 2 % tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ, u dawk il-pjanti sintomatiċi jkunu nqalgħu minnufih u nqerdu, u u

— fil-każ ta' riżultat pożittiv tat-test għall-materjal tal-propagazzjoni u għall-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC li juru sintomi tal-virus tal-mużajk tal-*Arabis*, tal-Virus tar-ringspot tal-lampun, tal-Virus tar-ringspot latenti tal-frawli, tal-Virus taċ-ċirku iswed tat-tadam jew tal-Virus tar-ringspot tat-tadam, il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott ikkonċernati għandhom jinqalgħu u jinqerdu minnufih."

(d) Il-punt 15 "*Vaccinium* L." huwa sostitwit b'dan li ġej:

"15. ***Vaccinium* L.**

(a) **Kategorija prebażika**

*Spezzjoni viżwali*

L-ispezzjonijiet viżwali għandhom jitwettqu darbtejn fis-sena.

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

5 snin wara li jkunu ġew aċċettati bħala pjanti omm prebażiċi, il-pjanti omm prebażiċi kollha għandhom jiġu kkampjunati u ttestjati għall-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness II, u f'każ ta' suspett tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I, u dan għandu jerġa' jsir kull 5 snin.

(b) **Kategorija bażika**

*Spezzjoni viżwali*

L-ispezzjonijiet viżwali għandhom jitwettqu darbtejn fis-sena.

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

F'każ li jkun hemm suspett tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I u fl-Anness II iridu jittieħdu l-kampjuni u jsiru t-testijiet.

*Rekwiżiti għas-sit tal-produzzjoni, għall-post ta' produzzjoni jew għaż-żona*

(i) Agrobacterium tumefaciens (Smith u Townsend) Conn

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu tal-*Agrobacterium tumefaciens* (Smith u Townsend) Conn fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ.

(ii) *Diaporthe vaccinii* Shear

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mid-*Diaporthe vaccinii* Shear; jew

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu tad- *Diaporthe vaccinii* Shear fis-sit tal-produzzjoni tul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ;

(iii) *Exobasidium vaccinii* (Fuckel) Woronin u *Godronia cassandrae* (anamorph Topospora myrtilli) Peck

— il-perċentwal tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ li juru sintomi ta' kull wieħed mill-RNQPs li ġejjin ma għandux jaqbeż:

  — 0,1 % fil-każ tal-*Godronia cassandrae* (anamorph Topospora myrtilli) Peck;

  — 0,5 % fil-każ ta' *Exobasidium Dicinii* (Fuckel) Woronin; u li l-materjal tal-propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott, u l-pjanti ospitanti kollha fil-viċinanza jkunu nqalgħu u nqerdu.

(iv) *Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock u Man fi 't Veld:

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika għandhom jiġu prodotti f'żoni stabbiliti mill-awtorità kompetenti bħala ħielsa mill-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock u Man fi 't Veld skont l-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti; jew

— ma għandu jiġi osservat l-ebda sintomu tal-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock u Man fi 't Veld fuq il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar ċiklu sħiħ tal-veġetazzjoni.

(v) Virus tar-ringspot tat-tabakk (TRSV) u Virus tar-ringspot tat-tadam (ToRSV)

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mit-TRSV u mit-ToRSV; jew

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu ta' TRSV u ToRSV fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ u l-pjanti sintomatiċi kollha fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih.

(c) **Kategoriji ċċertifikati u CAC**

*Spezzjoni viżwali*

L-ispezzjonijiet viżwali għandhom jitwettqu darba fis-sena.

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

F'każ li jkun hemm suspett tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I u fl-Anness II iridu jittieħdu l-kampjuni u jsiru t-testijiet.

(d) **Kategorija ċċertifikata**

*Rekwiżiti għas-sit tal-produzzjoni, għall-post ta' produzzjoni jew għaż-żona*

(i) *Agrobacterium tumefaciens* (Smith u Townsend) Conn, *Exobasidium vaccinii* (Fuckel) Woronin *u Godronia cassandrae* (anamorph Topospora myrtilli) Peck

— il-perċentwal tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata fis-sit tal-produzzjoni tul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ li juru sintomi ta' kull wieħed mill-RNQPs li ġejjin ma għandux jaqbeż:

— 0,5 % fil-każ ta':

*Agrobacterium tumefaciens* (Smith u Townsend) Conn;

*Godronia cassandrae* (anamorph Topospora myrtilli) Peck;

— 1 % fil-każ ta' *Exobasidium Dicinii* (Fuckel) Woronin; u li l-materjal tal-propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott, u l-pjanti ospitanti kollha fil-viċinanza jkunu nqalgħu u nqerdu.

(ii) *Diaporthe vaccinii* Shear

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mid-*Diaporthe vaccinii* Shear; jew

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu ta' *Diaporthe vaccinii* Shear fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ;

(iii) *Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock u Man fi 't Veld:

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata għandhom jiġu prodotti f'żoni stabbiliti mill-awtorità kompetenti bħala ħielsa mill-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock u Man fi 't Veld f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti; jew

— ma għandu jiġi osservat l-ebda sintomu tal-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock u Man fi 't Veld fuq il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar ċiklu sħiħ tal-veġetazzjoni;

jew

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata li juru sintomi tal-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock u Man fi 't Veld fis-sit tal-produzzjoni u l-pjanti kollha f'raġġ ta' 2 m mill-materjal tal-propagazzjoni sintomatiku u l-pjanti tal-frott, għandhom jinqalgħu u jinqerdu, inkluża l-ħamrija mwaħħla;

u

— għall-pjanti kollha li jinsabu f'raġġ ta' 10 m mill-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott sintomatiċi u kwalunkwe materjal tal-propagazzjoni u pjanti tal-frott li jifdal mil-lott affettwat:

— fi żmien tliet xhur wara d-detezzjoni tal-materjal tal-propagazzjoni sintomatiku u tal-pjanti tal-frott, ma għandu jiġi osservat l-ebda sintomu tal-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock u Man fi 't Veld fuq dak il-materjal tal-propagazzjoni u fuq dawk il-pjanti tal-frott f'mill-inqas żewġ spezzjonijiet fi żminijiet xierqa biex jiġi identifikat il-pest u matul dak il-perjodu ta' 3 xhur ma għandu jitwettaq l-ebda trattament li jrażżan is-sintomi tal-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock u Man fi 't Veld; u

— wara dak il-perjodu ta' 3 xhur:

  — ma għandu jiġi osservat l-ebda sintomu tal-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock u Man fi 't Veld fuq dak il-materjal tal-propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott fis-sit tal-produzzjoni; jew

  — ikun ġie ttestjat kampjun rappreżentattiv ta' dak il-materjal tal-propagazzjoni u ta' dawk il-pjanti tal-frott li għandhom jiġu mċaqalqa u nstab ħieles mill-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock u Man fi 't Veld;

u

— għall-materjal l-ieħor kollu tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott kollha fis-sit tal-produzzjoni:

  — ma għandu jiġi osservat l-ebda sintomu tal-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock u Man fi 't Veld fuq dak il-materjal tal-propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott fis-sit tal-produzzjoni; jew

  — ġie ttestjat kampjun rappreżentattiv ta' dak il-materjal tal-propagazzjoni u ta' dawk il-pjanti tal-frott li għandhom jiġu mċaqalqa u nstab ħieles mill-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock u Man fi 't Veld.

(iv) Virus tar-ringspot tat-tabakk (TRSV) u Virus tar-ringspot tat-tadam (ToRSV)

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mit-TRSV u mit-ToRSV; jew

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu ta' TRSV u ToRSV fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ u l-pjanti sintomatiċi kollha fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih.

(e) **Kategorija CAC**

*Rekwiżiti għas-sit tal-produzzjoni, għall-post ta' produzzjoni jew għaż-żona*

(i) *Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock u Man fi 't Veld:

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC għandhom jiġu prodotti f'żoni stabbiliti mill-awtorità kompetenti bħala ħielsa mill-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock u Man fi 't Veld f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti; jew

— ma għandu jiġi osservat l-ebda sintomu tal-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock u Man fi 't Veld fuq il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar ċiklu sħiħ tal-veġetazzjoni;

jew

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC li juru sintomi tal-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock u Man fi 't Veld fis-sit tal-produzzjoni u l-pjanti kollha f'raġġ ta' 2 m mill-materjal tal-propagazzjoni sintomatiku u l-pjanti tal-frott, għandhom jinqalgħu u jinqerdu, inkluża l-ħamrija mwaħħla; u

— għall-pjanti kollha li jinsabu f'raġġ ta' 10 m mill-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott sintomatiċi u kwalunkwe materjal tal-propagazzjoni u pjanti tal-frott li jifdal mil-lott affettwat:

— fi żmien tliet xhur wara d-detezzjoni tal-materjal tal-propagazzjoni sintomatiku u tal-pjanti tal-frott, ma għandu jiġi osservat l-ebda sintomu tal-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock u Man fi 't Veld fuq dak il-materjal tal-propagazzjoni u fuq dawk il-pjanti tal-frott f'mill-inqas żewġ spezzjonijiet fi żminijiet xierqa biex jiġi identifikat il-pest u matul dak il-perjodu ta' 3 xhur ma għandu jitwettaq l-ebda trattament li jrażżan is-sintomi tal-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock u Man fi 't Veld; u wara dak il-perjodu ta' 3 xhur:

  — ma għandu jiġi osservat l-ebda sintomu tal-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock u Man fi 't Veld fuq dak il-materjal tal-propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott fis-sit tal-produzzjoni; jew

  — ikun ġie ttestjat kampjun rappreżentattiv ta' dak il-materjal tal-propagazzjoni u ta' dawk il-pjanti tal-frott li għandhom jiġu mċaqalqa u nstab ħieles mill-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock u Man fi 't Veld;

u

— għall-materjal l-ieħor kollu tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott kollha fis-sit tal-produzzjoni:

  — ma għandu jiġi osservat l-ebda sintomu tal-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock u Man fi 't Veld fuq dak il-materjal tal-propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott fis-sit tal-produzzjoni; jew

  — ġie ttestjat kampjun rappreżentattiv ta' dak il-materjal tal-propagazzjoni u ta' dawk il-pjanti tal-frott li għandhom jiġu mċaqalqa u nstab ħieles mill-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock u Man fi 't Veld.

(ii) Virus tar-ringspot tat-tabakk (TRSV) u Virus tar-ringspot tat-tadam (ToRSV)

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mit-TRSV u mit-ToRSV; jew

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu ta' TRSV u ToRSV fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ u l-pjanti sintomatiċi kollha fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu minnufih u nqerdu; jew

— is-sintomi tat-TRSV u tat-ToRSV ikunu ġew osservati f'mhux aktar minn 2 % tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun ta' tkabbir sħiħ, u dawk il-pjanti sintomatiċi jkunu nqalgħu minnufih u nqerdu."